**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**MARIO MIFSUD**
**WALTER ZAMMIT**

**Illum, 25 ta' April, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO MIFSUD** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Anthony u Violet nee Grech, imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 1970 u joqghod Block H, Entratura B, Flat 4, Hal Farrug, Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 372470M u **WALTER ZAMMIT** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Francis u Salvina nee Schembri, imwieled Pieta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju, 1975 u joqghod 16A, Sqaq numru 1, Triq il-Karmnu, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 346675M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tletin ta' Novembru, 1998 u matul s-sentejn ta' qabel, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta

jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex jbieghuhom jew jmexxuhom, u cioe tal-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni IAC 514 ta' valur li jeccedi l-elf lira maltin.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz, billi wahhlu sett ta' *number plates* foloz (BBI 379) fuq l-imsemmija vettura u cioe tal-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni IAC 514.

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassru u biddlu in-numru tas-chassis tal-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni IAC 514 u minfloku wahhlu numru tas-chassis ta' vettura ohra tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni BBI 379.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputati sabiex jhallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Ottubru, 1999, esibiti f'dawn l-atti a fol 136 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li z-zewg imputati ddikjaraw fis-seduta tal-erbgha ta' Novembru, 1999 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil istess imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet presentata fl-atti.

Rat l-artikoli tal-ligi kif indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-sebgha ta' Ottubru, 1999 u cioe l-artikolu 17(b), 20, 23, 188, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputati huma akkuzati bi tlett akkuzi u cioe dik ta' ricettazzjoni, kif kontemplat fl-atikolu 334 tal-Kap 9, talli taw taghrif falz f'dokument mahsub ghal awtorita pubblika, kif kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap 9 u falsifikazzjoni jew uzu ta' dokument ffalsifikat konsistenti f'thassir u tibdil f'numru ta' chassis number fil-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni IAC 514.

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li fl-ahhar ta' Gunju, 1998, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-vettura tal-ghamla Ford Escort Mark IV ta' kulur abjad u li kienet iggib n-numru ta' registrazzjoni BBI 379 kienet imbaghbsa u x'aktarx rappurtata nieqsa.

Illi din il-vettura kienet tghajjat lil imputat Walter Zammit. Ghalhekk din il-vettura ttiehdet d-Depot tal-Pulizija mill-istess Walter Zammit w irrizulta li kellha n-numru tas-chassis stampat fil-*floorboard* tal-vettura minn gewwa, mibrux parzjalment w imnezzgha miz-zebgha. Taht il-pjanca kien hemm forma ta' stokk jew materjal li serva biex giet illixxjata l-pjanca. Illi l-pjanca li fuqha hemm stampat in-numru ma kienx konformi mal-kumplament tal-*floorboard*. Kien hemm sinjali cari ta' *grinding* u *welding* kif jirrizulta fir-ritratti esibiti a fol 107 et seq tal-atti odjerni.

Illi l-Pulizija ghalhekk bdiet tinvestiga l-kaz w rrizulta li din il-vettura suppost inxtrat b'irkant minghand d-Dwana minghand certu Aronne Barbara bi hsarat estensivi. Illi dan Aronne Barbara bieghha lil Mario Mifsud wiehed mill-imputati odjerni, u li sussegwentement Mario Mifsud bieghha lil Walter Zammit u cioe l-ko-akkuzat.

Illi l-Prosekuzzjoni ppresentat nota ta' sottomissjonijiet fl-atti nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar, 2002, fejn elenkat r-ragunijiet taghha ghaliex fil-fehma taghha irnexxilha tipporva l-kaz, filwaqt li l-imputati wkoll ppresentaw zewg noti ta' sottomissjonijiet ohra sabiex jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li ma humiex hatja tal-akkuza addebitata lilhom.

Ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-origini tal-vettura tal-ghamla Ford Escort li kienet iggib n-numru ta' registrazzjoni BBI 379 ghaliex ressqet lil Jose Abela, rappresentant tal-Licenzji jixhed u jghid li din il-vettura kienet ta' Walter Zammit u kellha chassis number SFAAXXBBAAKB43074 u kien fit-tletin ta' Marzu, 1998 li kienet giet registrata f'isem Walter Zammit.

Illi din il-vettura nxtrat minghand certu Aronne Barbara mill-irkant tad-Dwana, li sussegwentement bieghha lil Mario Mifsud.

Filwaqt li kienet f'idejn Mario Mifsud, il-vettura ma kellix polza ta' sigurta peress lli din il-vettura mhux suppost li kienet tintuza fit-triq.

Illi minn ezami tad-dokument markat JA a fol 36 tal-atti u cioe d-dokument tad-Dwana, jirrizulta li din il-vettura kienet giet impurtata minn barra nhar t-tletin ta' Lulju, 1994 u mehuda mid-Dipartiment tad-Dwana fl-erbgha ta' Marzu, 1996, meta c-chassis number taghha kien SFAAXXBBAAKB43074.

Illi dan l-istat ta' fatt huwa konfermat minn Aronne Barbara stess li jghid li kien hu li bieghha lil Mario Mifsud pero bla pjanci.

Illi fit-tnax ta' Awissu, 1998 din il-vettura giet ezaminata minn PC 1525 Patrick Farrugia b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti meta diga kienet tghajjat lil Walter Zammit u sab li kellha tbaghabis fis-chassis number, liema tbaghabis kien deskritt fir-relazzjoni tieghu li tinsab a fol 102 et seq tal-atti. Illi dan t-tbghabis gie wkoll konfermat minn Philip Zammit li hu l-espert tekniku nominat wkoll fl-atti tal-inkjesta u fil-fatt a fol 121 tal-atti dan l-espert jikkonkludi li l-pjanca originali li fuqha kien ippancjat c-chassis number kienet giet maqlugha u minflokha giet iwweldjata pjanca ohra simili ghal dik ta' fuqha bin-

numru KB43074 ippjancja. Ghalhekk bhala fatt u cioe li d-dokument u cioe c-chassis number kien falz jirrizulta ampjamaent.

Dwar il-vettura Ford Escort li kienet iggib n-numru ta' registrazzjoni IAC 514, il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li din kienet tappartjeni lil Michael Debono fl-erbatax ta' Mejju, 1994 u jirrizulta wkoll li din kienet giet rappurtata misruqa minn sidha nhar s-sebgha ta' Gunju, 1997 waqt li kienet ipparkjata fil-Gzira.

Il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova wkoll li din il-vettura kienet koperta b'polza ta' sigurta u li Michael Debono thallas s-somma ta' tlett elef u mitejn lira maltin nhar l-hdax ta' Settembru, 1997 mis-socjeta assikurattrici minhabba l-allegata serq (vide dokument JA 1 esibit a fol 39 tal-atti odjerni.)

**Michael Debono xehed** fit-tmienja ta' Frar, 1999 w ikkonferma li huwa kien ghamel rarpport falz lis-socjeta assikurattrici ghaliex fil-fatt kien irranga hu sabiex xi hadd jehilsu minnha.

Huwa gharaf l-vettura tieghu li originarjament kellha n-numru ta' registrazzjoni IAC 514 fil-bitha tal-Pulizija, ghalkemm bi pjanca bin-numru ta' registrazzjoni differenti. Huwa gharafha kemm mis-

*silencer* li kien bidlilha ghaliex fil-fatt kien ghamel wiehed tan-*nickel* u wweldjah.

Mistoqsi jekk gharfihix minn xi haga ohra, Michael Debono wiegeb fin-negattiv ghaliex fil-fatt qal li anke t-tapezzerija kienet differenti.

**Philip Zammit stqarr fil-konkluzzjnijiet tieghu** li meta ezamina l-vettura Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni BBI 379 din kienet kundizzjonata hafna u ma kellha xejn x'jindika li kellha xi hsarat estensivi precedenti fuqha.  L-unika hsara kienet fil-*welding* tal-pjanca li kienet tghajjat lil vettura l-ohra u cioe IAC 514 ghalkemm in-numru tac-chassis kien jaqra SFAAXXBBAAKB43074 u cioe n-numru li kellha meta dahlet Malta.

Illi meta **Walter Zammit xehed quddiem l-espert tekniku** huwa stqarr li l-vettura li kien xtara minghand mario Mifsud ma kienetx l-istess vettura li allegatament Aronne Barbara kien xtara mid-Dwana ghaliex ma kellhix *sun roof* kif kellha l-vettura li xtara Aronne Barbara.

Meta rrilaxxja stqarrija nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1998 (vide fol 52 - dokument JA 2), Walter Zammit qal li huwa kien xtara vettura f' kundizzjoni hazina hafna minghand Mario Mifsud ghas-somma ta' disgha mitt lira maltin, din ma kellix *seats, bumper* ta' quddiem, il-fanali ta' quddiem, hgiega tan-naha tax-xufier imkissra u minghajr tapezzerija u hsara fir-roti u ma kienetx timxi. Huwa rregistrha f'ismu w inghatatlu registration plate number BBI 379 mill-Ufficju tal-Licenzji. Huwa ittowjha lejn il-garaxx f'Hal Luqa. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li kellha c-*chassis number* imbaghbas huwa wiegeb li kien jaf li kien fiha xi daqqiet tal-martell. Mistoqsi kienx jaf minn fejn akkwistha Mario Mifsud, wiegeb li Mario kien qallu li kien xtraha mid-Dwana u vverfika dan mill-karti li tah. Mistoqsi kienx jaf li kellha number ta' *chassis* ta' vettura li giet misruqa, l-imputat ma wegibx. Huwa pero ppresenta il-formola tal-ispezzjoni li saritilha nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju, 1997 waqt li kienet registrata f'isem Aronne Barbara u ma jidhirx li kien hemm xi inezattezzi u lanqas qabel s-sbatax ta' marzu, 1999, meta saret inspection ohra li rrizulta li l-vettura kienet in regola. Ghalhekk jirrizulta li l-allegat tbaghbis sar wara s-sbatax ta' Marzu, 1998.

Illi ghalhekk minn din x-xhieda jirrizulta li l-imputat kien konxju li c-chassis number tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni

BBI 379 li kien qed juza kellha xi rregolaritajiet fic-*chassis* meta qal li kellha "marka ta' martell."

Illi l-imputat Mario Mifsud irrilaxxja stqarrija nhar l-erbatax ta' Ottubru, 1998 fejn kkonferma li kien xtara vettura tal-ghamla Ford Escort Mark IV fi stat ta' *total loss* bi pjanci tal-Ingilterra minghand Aronne Barbara. Huwa qal li xtrha bil-hsieb li jirrangha izda wara nduna li l-ispiza kienet ser tkun kbira. Wara gie avvicinat minn haddiehor li kellu Ford Escort mark IV ghal bejgh u "ma kienetx misruqa" u hu ddecida li jixtriha biex jiehu l-parts minnha biex jirranga l-ohra. Izda wara iddecida li ma jaghmel xejn minn dan u biegh z-zewg vetturi lil ko-akkuzat Walter Zammit. Mistoqsi x'fehem meta l-vettura ma kellix pjanci, huwa qal li fehem li kienet vettura skrappjata. Mistoqsi jekk kienx jaf l-origini ta' din t-tieni vettura qal li persuna qaltlu li ma kienetx misruqa ghalkemm ma kellix numri. Dan xtraha ghal prezz ta' mitejn u hamsin lira maltin. Mistoqsi jekk kienetx tiswa aktar huwa wiegeb fl-affermattiv pero xtraha bil-patt li ma kienetx misruqa. Mistoqsi x'ghamel bil-vetturi huwa qal li bieghhom lil ko-akkuzat Walter Zammit kemm dik li kienet bid-daqqa kif wkoll dik li kienet rappurata misruqa. Mistoqsi kemm hallsu Walter Zammit, Mario Mifsud wiegeb sittin lira maltin ghal vettura

bid-daqqa u mitejn u hamsin lira ghal vettura l-ohra li ma kienetx imqabra.

**Meta xehed l-Qorti l-imputat Mario Mifsud qal** li l-vettura li xtara minghand Aronne Barbara ma kellhix mumber plate, kif wkoll dik li xtara minghand Noel Micallef ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin ma kellhix number plate.

Huwa kkonferma li biegh z-zewg vetturi minghajr *number plates* lil ko-akkuzat Walter Zammit. Huwa kkonferma li biegh vettura minnhom ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin u mistoqsi kienx ftit, huwa wiegeb li seghet kienet skrappjata.

Illi din x-xhieda hija ndikattiva li l-imputat Walter Zammit setgha kien jaf li l-vettura li xtara minghand Noel Micallef kienet gejja minn attivita kriminali molto piu meta tqis li xtara din il-vettura ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin u l-allegat derubat Michael Debono thallas s-somma ta' tlett elef u mitejn lira maltin minghand s-socjeta assikurattici ftit qabel. Din hija indikattiva tax-xjenza tal-imputat.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li ghamlet apprezzament tax-xhieda kollha u tal-provi migbura **thoss li fil-konfront tal-imputat Mario Mifsud il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk il-Qorti ssibu hati taghha filwaqt li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Fil-konfront tal-imputat Walter Zammit il-Qorti tiddikjara li ssibu hati talli ghamel uzu minn dokument falz u cioe n-numru ta' registrazzjoni IAC 514 fuq vettura BBI 379 u mhux hati tal-akkuza l-ohra u tilliberah minnha.**

Il-Qorti rat il-fedina penali ta' Mario Mifsud minn fejn jirrizulta li huwa kien instab hati ta' zewg kontravenzjonijiet fis-sena 1985 u xi akkuzi ohra naxxenti minn ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku fis-sena 1991 u gie kkundannat multi filwaqt li l-imputat Walter Zammit ghandu reat wiehed registrat fis-sena 1995 fejn gie kkundannat multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltin fuq ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku.

**Fic-cirkostanzi il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lil imputat MARIO MIFSUD ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi gahl sentejn u lil imputat WALTER ZAMMIT ghal**

**piena karcerarja ta' tmien xhur sospizi ghal sentejn u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li jonqsu li josserwha.**

**In oltre ai termini tal-artikolu 23 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska tal-vettura Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni BBI 379 esibiti mill-ispettur Maurice Curmi fix-xhieda tieghu tat-tmienja ta' Frar, 1999 (vide fol 50 tal-atti odjerni) favur il-Gvern ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputati jigu kkundannati jhallsu l-ispejjes tal-esperti, il-Qorti rat li dawn gew inkorsi fl-istadju tal-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni u ghalhekk tichad tali talba.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**